MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 252/2010

**Fl-atti tal-mandat ta’ qbid Nru 2779/08**

**Fogg Insurance Agencies Ltd**

**Vs**

**Anthony Borg et**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Maria Rosaria Bonnici (iarta ta’ identita numru 693859(M) li bih, wara li ppremettiet illi bil-mandat ta’ qbid numru 2779/08 gew elenkati hafna mill-oggetti mobbli li jinsabu gewwa r-residenza taghha u cioe 49, Triq St. Anglu, Isla.

Illi hija tigi omm Darren Borg, li huwa wiehed mid-debituri.

Illi dan Darren Borg, jghix flimkien m'ommu gewwa r-residenza taghha.

Illi ghalkemm huwa ghandu l-indirizz fuq din il-propjeta, l-ebda mill-mobbli elenkati fil-mandat ta' qbid ma jappartjenu lilu imma huma kollha affarijiet li jappartjenu lil ommu Maria Rosaria Bonnici.

Illi r-rikorrenti tirrileva li hija mhijiex debitrici f'din il-kawza.

Ir-rikorrenti talbet bir-rispett illi din l-Onroabbli Qorti joghgobha tirrilaxxa l-affarijiet mobbli elenkati fil-mandat numru 2779/008 u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet preliminari moghti lfl-14 ta' Lulju 2010 (fol 2 tal-istess atti).

Rat il-mandat in esami a fol 4 et seq ibid.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata (fol 22 u fol 23 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors ipprezentant minn Maria Rosaria Bonnici nhar it-13 ta' Lulju 2010 u qieghda tipprezenta r-risposta taghha ghall-istess skond il-Ligi;

Illi nhar is-7 ta' Mejju 2008, inghata *lodo* fl-atti tal-proceduri ta' Arbitragg Mandatorju fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Anthony Borg et (M1314/2007), illi permezz tieghu l-intimati f'dawk il-proceduri gew ikkundannati b'mod *in solidum* bejniethom sabiex hallsu lill-esponenti s-somma ta' elf mija u erbgha u erbghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€1,114.81), bl-imghaxijiet legali u l-ispejjez gudizzjarji kif hemm dettaljat;

Illi sussegwentement, l-esponenti talbet il-hrug tal-Mandat ta' Qbid fl-ismijiet fuq premessi, liema Mandat gie ezegwit fil-fond 49, Triq Sant' Anglu, Isla, ir-residenza ordinarja ta' l-intimat Darren Bonnici, kif ammess anke mir-rikorrenti Maria Rosaria Bonnici;

Illi permezz tar-rikors taghha, ir-rikorrenti Maria Rosaria Bonnici qieghda tallega illi l-oggetti illi gew maqbuda fl-ezekuzzjoni tal-mandat gewwa l-fond imsemmi, jappartjenu lilha esklussivament, u ghandhom jigu liberati u rilaxxjati mill-effetti tal-Mandat *de quo*;

Illi in linea preliminari, l-esponenti tissottometti illii galadarba l-Mandat *de quo* nhareg qabel l-1 ta' Jannar 2009, ossija qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif kontemplati fl-Att numru X1V tas-sena 2006, l-istess Mandat huwa regolat mill-artikolu 283A (illum l-Artikolu 831) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, illi kien jipprovdi testwalment illi:-

*'Min jinhareg kontrih att ezekuttiv jista' jaghmel Rikors lil dik il-Qorti illi tkun harget dak l-Att fejn jitlob illi l-Att Ezekuttiv jithassar sew ghal kollox jew f'parti minnu biss ghal raguni valida fil-Ligi*. (Enfasi Mizjud mill-esponenti).

Illi ghalhekk isegwi illi r-rikorrenti Maria Rosaria Bonnici ma ghandhiex *locus standi* sabiex tipprezenta r-rikors odjern,u dana stante illi l-Mandat *de quo* ma nharigx kontra taghha, u dana skond ma gie ritenut anke minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited noe vs John Abela.

Illi inoltre, gie ritenut mill-Qrati taghna, u anke minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta fil-kawza ga kwotata fl-ismijiet Fogg Insurance Agenices Ltd noe vs John Abela illi r-rimedju kontemplat mill-Artikolu 283A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta qabel id-dhul fis-sehh ta' l-emedi ga msemmija kien fis-sens illi r-rikorrenti jitlob it-thassir tal-mandat *in toto* jew *in parte*, u mhux it-thassir ta' l-effett tal-Mandat, kif qieghda titlob ir-rikorrenti Maria Rosaria Bonnici. B'hekk isegwi illi l-azzjoni odjerna hija insostenibbli wkoll f'dan is-sens.

Illi in linea sussidjarja u assolutament minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, l-esponenti tissottometti illi r-rikorrenti Maria Rosaria Bonnici ma gabet l-ebda prova konkreta illi l-oggetti maqbuda bl-ezekuzzjoni tal-Mandat

fl-ismijiet fuq premessi jappartjenu unikament lilha, izda sempliciment tippretendi illi dina l-Onorabbli Qorti temmen l-allegazzjonijiet taghha, illi *del resto* lanqas biss huma konfermati bil-gurament, sabiex b'hekk jigu eluzi d-drittijiet legittimi ta' l-esponenti.

Illi ghalhekk isegwi illi, anke fil-mertu, ma hemm l-ebda raguni skond il-Ligi ghaliex l-oggetti maqbuda ghandhom jigu rilaxxjati.

L-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti Maria Rosaria Bonnici, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrrenti.

Salv kull provvediment iehor illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher u mill-istess atti, ir-rikorrenti qatt ma pproduciet xi prova ta' kwalunwe xorta in sostenn tat-talba in esami.

Illi, filfatt, kull ma jidher mill-istess atti, illi Darren Borg, bin l-istess rikorrenti u li jirrisjedi maghha, kien qed jhallas lis-socjeta' intimata, l-ammont involut, wara ftehim 'ad hoc' bejnu u l-istess intimata. Pero jidher li kif hemm verbalizzat a fol 27 ibid, l-istess Darren Borg kien hallas akkont ta' €700 izda ma kompliex jaghmel pagamenti (ara fol 28 u fol 29 ibid).

Illi, minhabba dak premess, il-Qorti mhix ser tesamina jekk f'dan il-kaz ir-rikorrenti segwiet, o meno, l-procedura skond il-ligi kif citata fir-risposta ghas-socjeta' intimata izda ser tiddeciedi dan il-kaz fuq bazi ta' nuqqas ta' provi dwar il-meritu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba kif dedotta mill-istess rikors bl-ispejjes jithallsu mir-rikorrenti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------